MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 414/1985/1

**Henry Ordway**

**v.**

**John Sutherland ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mobile Homes Limited u b'digriet tas-27 ta' Awissu 1998 gew intervenuti fil-kawza l-kumpanija Elmo Insurance Services Ltd. ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera Sun Alliance and Lonodn Insurance p.l.c., u b'nota tat-2 ta' Frar 2000 intervenew fil-kawza l-kumpanija Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera assikuratrici Royal and Sun Alliance Insurance p.l.c., u b'nota tal-5 ta' Ottubru 2006 il-kumpanija Elmo Insurance Ltd. assumiet bhala intervenuta l-atti tal-kawza minflok l-imsemmija Elmo Insurance Agency Ltd. nomine**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-2 ta' April, 1985 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi fil-11 ta' Ottubru, 1983, waqt li kien impjegat mas-socjeta` konvenuta, huwa sofra feriti ta' natura gravi f'incident awtomobilistiku fil-Libja, li mhabba fihom bata danni sew bhala lucrum cessans kif ukoll bhala damnum ermergens;

Illi tal-istess danni kienet responsabbli s-socjeta` konvenuta;

Talab li din il-Qorti:

1) Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` konvenuta kienet responsabbli ghall-incident li fiha sofra l-istess feriti l-attur u l-konsegwenti danni;
2) Tillikwida d-danni sofferti minnu bhala konsegwenza tal-istess feriti;
3) Tikkundanna lill-konvenut nominee jhallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u l-konvenut nomine gie mharrek ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

Illi hu mhuwiex responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-attur stante li ma huwiex responsabbli ghall-azzjonijiet tas-sewwieq tal-karozza li kien passiggier fiha l-attur;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-digriet tat-2 ta' Ottubru 1985 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Francis Lanfranco bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talba tal-attur wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-12 ta’ Gunju 1987 li permezz tieghu ghall-imsemmi perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Joseph Galea Debono;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmi perit legali debitament mahluf fil-25 ta’ Jannar 1989;

Rat in-nota ta’ l-attur ipprezentata fis-27 ta’ Jannar 1989 li permezz taghha talab in-nomina ta’ periti addizzjonali;

Rat id-digriet tat-2 ta’Marzu 1989 fejn gew nominate bhala periti addizzjonali l-Avukat Dottor Joseph Ciappara, l-Avukat Dottor Raymond Zammit u l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon;

Rat id-digriet tal-21 ta’ Frar 1994 li permezz tieghu, wara li l-perit legali addizzjonali l-Avukat Dottor Joseph Ciappara nforma lill-Qorti li l-attur ma kienx qed jiehu interess fil-prosegwiment tal-kawza, il-periti legali addizzjonali gew ordnati biex jirritornaw il-process u gew diretti li l-inkarigu taghhom kien sospiz;

Rat il-verbal ta’ l-14 ta’ April 1994 fejn id-difensur ta’ l-attur deher u rrefera ghas-sentenza msemmija fin-nota ta’ l-attur ta’ l-4 ta’ Jannar 1988 u talab li jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet;

Rat id-digriet ta’ l-14 ta’ April 1994 li permezz tieghu l-process gir rinvijat lill-periti addizzjonali biex jespletaw l-inkariku moghti lilhom wara li jiehdu konjizzjoni tas-sottomissjonijiet li ser isiru mid-difensuri;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-attur ipprezentat fis-16 ta’ Ottubru 1995;

Rat ir-rikors tal-kumpanija Elmo Insurance Services Limited li talbet li tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis* u d-digriet tas-27 ta’ Awissu 1998 li permezz tieghu giet milqugha din it-talba;

Rat id-digriet tas-17 ta' Settembru 1998 li permezz tieghu, fuq talba tal-perit legali addizzjonali l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon li kien l-avukat tal-fiducja tas-socjeta` kjamata fil-kawza [**recte:** intervenuta fil-kawza], gie sostitwit ghalih l-Avukat Dottor Joseph Buttigieg;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-kumpaniuja intervenuta fil-kawza pprezentata fit-13 ta' Ottubru 1999;

Rat in-nota tat-2 ta' Frar 2000 li permezz taghha giet ipprezentata nota li biha l-kumpanija Elmo Insurance Agency Ltd. ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera assikuratrici Royal and Sun Alliance Insurance plc assumiet l-atti tal-kawza bhala intervenuta fil-kawza minflok il-kumpanija Elmo Insurance Services Ltd. nomine;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur ipprezentata fis-7 ta' April 2000;

Rat in-nota responsiva tas-socjeta` konvenuta ghan-noti ta' l-attur;

Rat ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali debitament mahlufa;

Rat id-domandi bil-miktub indirizzati lill-periti legali addizzjonali mis-socjeta` konvenuta u n-nota ta' osservazzjonjiet tal-kumpanija intervenuta fil-kawza;

Rat ir-risposti tal-periti legali addizzjonali;

Rat ir-rikors tas-socjeta` intervenuta fil-kawza tat-12 ta' Mejju 2004 fejn talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex il-kumpanija Elmo Insurance Ltd. tigi awtorizzata tipprezenta nota ta' assunzjoni ta' l-atti, u d-digriet tas-17 ta' Gunju 2004 li permezz tieghu intlaqghet it-talba;

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti moghtija fis-6 ta' Ottubru 2006 li permezz taghha laqghet l-ewwel talba attrici u ddikjarat lis-socjeta` konvenuta responsabbli

ghall-incident li fiha sofra feriti l-attur u l-konsegwenti danni;

Semghet ix-xiehda tal-konsulent kirurgu Mr. John Pace Balzan;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur u dik tal-kumpanija intervenuta fil-kawza;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda d-danni pretizi mill-attur. Kif jirrizulta min-nota ta' osservazzjonijiet taghha, is-socjeta\` intervenuta fil-kawza tippretendi li, peress illi l-attur sab xoghol u ghadu jahdem sallum, mhuwiex intitolat ghal danni bhala telf ta' qligh. It-telf ta' qligh pero\` jikkomprendi wkoll il-potenzjal tal-vittma li jaqla' introjtu fil-futur. Il-fatt li persuna dizabilitata tkun qed tahdem wara incident, anke jekk qieghda taqla' izjed minn qabel, ma jfissirx li hija ma setghetx issib opportunitajiet ahjar ta' xoghol kieku ma korrietx. Inoltre d-dizabilita\` necessarjament timplika nuqqas fil-persuna, fil-potenzjal taghha ghax-xoghol, mhux biss ma' l-*employer* prezenti izda wkoll ma' terzi jew anke jekk tahdem ghal rasha[1]. U kif intqal fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Superjuri, Civili) tas-7 ta' Lulju 1998 fl-ismijiet **George Gatt vs Francis E. Carbone noe**: *"Id-dizabilita\` timplika nuqqas ta' opportunitajiet ta' xoghol alternattiv u dan in-nuqqas ta' ghazla huwa ta' zvantagg u wisq probabbli jikkaguna nuqqas ta' opportunitajiet ta' qligh ahjar f'xoghol addattat ghal min ma ghandux dizabilita\` fizika"*. Ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-attur huwa intitolat ghad-danni minhabba telf ta' qligh.

Ghal dak li jirrigwarda l-*lucrum cessans* l-attur jissottometti li l-persentagg ta' dizabilita\` globali li ghandu jinghata minhabba li tilef l-uzu tax-xamm u tat-toghma huwa ta' 20%. Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Bartolo et vs George Zammit** moghtija minn din il-Qorti diversament

---

[1] Ara f'dan is-sens **Middle Sea Insurance Company Ltd. et vs Stuart Psaila**, Prim'Awla. 8 ta' Ottubru 2004.

presjeduta fit-30 ta' April 2001 fejn il-vittma sofriet, fost ohrajn, it-telf tas-sens ta' xamm u toghma, ghal dan it-telf il-Qorti ddeterminat, wara li kkunsidrat dak li kellhom xi jghidu l-esperti medici Dr. John Pace Balzan (li kien ta persentagg ta' 25%), il-Prof. Grixti Soler (li kien ta persentagg ta' 15%) u Dr. Anthony Galea Debono (li kien ukoll ta persentagg ta' 15%), li l-persentagg ta' dizabilita` f'dan ir-rigward kellu jkun ta' 20%. Fil-kaz odjern din il-Qorti, wara li ezaminat is-sottomissjonijiet anke xjentifici ta' l-attur kif ukoll hadet konjizzjoni tax-xiehda tal-konsulent Mr. John  Pace Balzan, hi ta' l-istess fehma u cioe` li l-persentagg ghandu jigi stabbilit f'dak ta' 20%.

Dwar il-*multiplier*, l-attur jissottometti li peress illi kellu 34 sena meta sehh l-incident dan ghandu jkun ta' 26 sena. Meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni c-*chances and changes of life* u li dawk li jieqfu mix-xoghol qabel l-eta` tal-pensjoni huma l-eccezzjoni u mhux ir-regola, dan il-*multiplier* ghandu jitqies wiehed gust.

Bhala qligh medju matul is-sitta u ghoxrin sena tal-*multiplier*, l-attur qieghed jippretendi sitt elef lira (Lm6,000) fis-sena. Meta wiehed iqis li l-incident in kwistjoni sehh kwazi erbgha u ghoxrin sena ilu meta l-attur kien qieghed idahhal Lm53.25 fil-gimgha u li l-*multiplier* li se jigi uzat huwa ta' sitta u ghoxrin sena, ma tistax tigi kkunsidrata kemm il-paga tista' tizdied sas-sena 2016 peress illi altrimenti nkunu rridi nitkellmu dwar *multiplier* ta' 33 sena u mhux ta' 26 sena. Ghalhekk, u wara li l-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha nkluz bonus, inflazzjoni u differenza fis-salarju, tqis gust li bhala paga medja ghandha tittiehed is-somma ta' Lm4,500.

Dwar *lump sum payment* il-Qorti tirrileva li l-incident gara fil-11 ta' Ottubru 1983, cioe` kwazi 24 sena ilu. Fis-sentenza **Maria Debono vs Andrew Vaswani** (Prim'Awla, 3 ta' Ottubru 2003) jintqal hekk:

*"Kif gja` manifest supra hi gurisprudenza pacifika (**Joseph Abela vs Martin Spagnol**, Prim'Awla, Qorti Civili, 30 ta' Marzu 1993, fost bosta ohrajn) illi ghandu jsir tnaqqis mill-persentagg (20%) biex jikkumpensa ghad-dewmien tal-*

*proceduri gudizzjarji. Dan hu motivat ukoll mill-fatt li ma hux sallum possibbli li jigi degretat il-hlas ta' l-imghax mid-data li giet kagunata l-hsara (vide **Mark Caruana vs Grazio sive Horace Camilleri**, Prim'Awla, Qorti Civili per Imhallef Joseph Said Pullicino, 5 ta' Ottubru 1993). Fuq l-istregwa ta' din id-decizjoni il-persentagg ta' 20% ghal lump sum payment beda jigi ridott b'rata ta' tnejn fil-mija (2%) kull sena mid-data ta' l-incident sakemm tigi finalment deciza l-kawza."*

Fil-kaz odjern ghalhekk la hu se jsir l-ebda tnaqqis ghal *lump sum payment* u l-anqas ma hi se tigi milqugha t-talba ta' l-attur ghal imghax mid-data li fiha gietipprezentata c-citazzjoni[2].

Il-*lucrum cessans* ghalhekk ghandu jigi kalkolat kif gej:

Lm4,500 x 26 x 20% = Lm23,400.

Bhala *damnum emergens* l-attur qieghed jippretendi rimborz tas-somma ta' hamsin lira (Lm50) bhala spejjez medici mhallsa lill-konsulent Mr. John Pace Balzan. Dwar dawn ma hemm l-ebda kontestazzjoni u t-talba f'dar-rigward qed tigi milqugha.

Kwindi d-danni komplessivi li ghandhom jithallsu lill-attur huma:

| | |
|---|---|
| *Lucrum cessans* | Lm23,400 |
| *Damnum emergens* | 50 |
| | ---------------- |
| Total | Lm23,450 |
| | ---------------- |

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' wkoll it-tieni u t-tielet talbiet attrici u ghalhekk:

---

[2] Ara wkoll sentenzi Prim'Awla tal-Qorti Civili **Desira vs Cassar**, 13 ta' Jannar 1995; **Bartolo et vs Zammit**, 30 ta' April 2001; **Seguna et vs Direttur Generali tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici et**, 1 ta' Frar 2005).

(1) Tillikwida d-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-feriti minnu mgarrba fl-ammont ta' Lm23,450, u

(2) Tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur din is-somma hekk likwidata ta' Lm23,450.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine. L-ispejjez tas-socjeta` intervenuta fil-kawza jigu sopportati mill-istess socjeta`.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------